**5 ta' Ġunju, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B. Litt., LL.D.**

Saveria Sciortino et.

*versus*

Carmelo Micallef

**Ċitazzjoni — Nullità — Atti Ġudizzjarji — Kawżali — Azzjoni Pawljana — Simulazzjoni — Rexissjoni — Preskrizzjoni — Art. 1266, 1268, 1187, 1369, u 1370 tal-Kodiċi Ċivili. — Art. 792 u 155(1) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivil.**

*L-eċċezzjoni ta' nullità ta' att ġudizzjarju minħabba vjolazzjoni tal-formalitajiet preskritti mil-liġi ma tistgħax tingħata meta l-parti li tagħtiha tkun baqgħet tagħmel, jew, għad li tkun taf biha, tkun ħalliet li jsiru, attijiet oħra wara, mingħajr ma teċċepixxi dik in-nullità.*

*Apparti dan, il-ġurisprudenza tagħna nterpretat id-dispożizzjoni rilevanti tal-liġi fis-sens illi ma ġiex adottat ir-rigur li donnhom iridu jfissru l-kliem ta' dik id-dispożizzjoni; u ġie ritenut illi l-liġi ma tirrikjedix kliem partikulari għal kif għandha tiġi formulata ċ-ċitazzjoni; imma biżżejjed jift'ehem x'ikun qed jitlob l-attur; b'mod illi l-kawżali tista' tkun espressa anki lakonikament, tista' tkun saħansitra ndotta*

*m'd-domanda, u, jekk ma tkunx ċara biżżejjed fiċ-ċitazzjoni, biżżejjed tkun spjegata fid-dikjarazzjoni relattiva.*

*Għalkemm ir-raġel hu kap tal-komunjoni tal-akkwisti, hu xejn ma jista' jagħmel biex jippreġudika d-drittijiet ta' martu fl-istess komunjoni; u allura, jekk raġel li għandu tfal mill-ewwel żwieġ, jikkostitwixxi ruħu debitur lejhom ad insaputa tat-tieni martu, u l-eredi ta' din iridu jimpunjaw dak il-kuntratt għax preġudizzjevoli għall-komunjoni tal-akkwisti tat-tieni żwieġ, l-azzjoni tagħhom hi azzjoni pawljana, u mhux azzjoni rexissorja, u għaliha hija applikabbli l-preskrizzjoni ta' 30 sena, u mhux dik ta' sentejn jew ħames snin preskritta għall-azzjoni ta' rexissjoni.*

*U anki jekk fil-każ tkun tirrikorri simulazzjoni, il-preskrizzjoni tibqa' dejjem dik ta' 30 sena; għax is-simulazzjoni hija forma ta' frode, u bħala tali taqa' taħt is-sanzjoni tal-azzjoni pawljana.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-atturi, wara li ppremettew illi l-imsemmija Rosaria Micallef mietet mingħajr testment fl-ewwel ta' Marzu 1953, u ħalliet bħala eredi tagħha "ab intestato", kwantu għal żewġ terzi lill-atturi, ħutha u wlied oħtha Anna Grech, u kwantu għal terz lill-konvenut; u illi l-atturi ma jridux jibqgħu fil-komunjoni; u billi l-konvenut, per mezz ta' att unilaterali riċevut minn Nutar Said fid-29 ta' Jannar 1941, ikkostitwixxa ruħu debitur ad insaputa ta' martu lejn uliedu mill-ewwel żwieġ tiegħu ma' Grazia Vella fis-somma ndikata fl-istess att; premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti opportuni, u speċjalment id-dikjarazzjoni tal-inattendibbilità tal-imsemmi att fil-konfront mal-atturi, talbu illi (1) tiġi likwidata l-komunjoni tal-akkwisti tal-imsemmijin Carmelo u Rosaria Micallef, billi tiġi dikjarata tikkonsisti fl-attiv u fil-passiv li jirriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża; (2) li tiġi diviża l-istess komunjoni f'żewġ porzjonijiet ugwali, biex waħda tiġi assenjata lill-assi ta' Rosaria Micallef u l-oħra lill-konvenut; (3) li jiġi likwidat l-assi partikulari tal-imsemmija Rosaria Micallef, billi jiġi dikjarat jikkonsisti fil-porzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti li tiġi assenjata lill-istess assi u f'beni oħra li jirriżultaw fit-trattazzjoni

tal-kawża; (4) li jiġi diviż l-istess assi, u jiġi assenjat kwantu għal żewġ terzi lil-atturi u terz lill-konvenut. Billi jiġi nominat nutar biex jirċievi l-att opportun u kuraturi biex jirrappreżentaw il-kontumaċi, u jiġu fissati l-ġurnata, il-ħin u l-post għall-publikazzjoni tal-istess att. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi fid-dibattitu orali li sar fl-udjenza tal-4 ta' Mejju 1959, tant il-konvenut kemm l-imsejħin fil-kawża, eċċepew in-nullità taċ-ċitazzjoni in kwantu għad-domanda relattiva għad-dikjarazzjoni tal-inattendibbilità tal-kuntratt "de quo", u dan għaliex l-atturi ma ndikawx il-motiv ta' din l-inattendibbilità, u b'hekk dik it-talba hija nieqsa mill-kawżali rikjesta mil-liġi;

Illi din il-kwistjoni tammonta għall-eċċezzjoni tan-nullità ta' attijiet ġudizzjarji kontemplata fl-art. 792 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, kif ġie nterpretat mill-ġurisprudenza (Kollez. XVI-II-145); u għalhekk jeħtieġ, qabel xjn, jiġi eżaminat jekk din l-eċċezzjoni setgħetx tiġi sollevata f'dan l-istadju tal-proċeduri;

Illi skond id-dispożizzjoni ġa ċitata, l-eċċezzjoni ta' nullità ta' att minħabba vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, jiġifieri dik kontemplata fil-paragrafu (c) tas-subart. (1) tal-art. 792, ma tistax tingħata "meta l-parti li tagħtiha tkun baqgħet tagħmel, jew, għad li tkun taf biha, tkun ħalliet li jibqgħu jsiru, attijiet oħra wara, mingħajr ma teċċepixxi dik in-nullità". Issa, kwantu għall-konvenut, l-eċċezzjoni ġiet minnu sollevata biss fl-udjenza fuq imsemmija tal-4 ta' Mejju 1959, jiġifieri wara li l-perit legali sema' l-provi u rrelata anki dwar il-kwistjoni tal-inattendibbilità tal-kuntratt "de quo". Kwantu għall-imsejħin fil-kawża, dawn xejn ma semmew, la fin-nota tal-eċċezzjonijiet tagħhom preżentata fil-21 ta' Novembru 1958 (fol. 139), u lanqas fin-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri minnhom preżentata fid-29 ta' Jannar 1959 (fol. 1441), fejn issollevaw, fil-meri-

tu, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' sentejn u ta' ħames snin;

Illi taħt dawn iċ-ċirkustanzi l-eċċezzjoni tan-nullità hija serotina, u mhix aktar ammissibbli skond il-liġi; u għalhekk qegħdha tiġi respinta, bl-ispejjeż kontra l-eċċipjenti;

Illi però, anki kieku "ex hypothesi" dik l-eċċezzjoni setgħet tiġi sollevata, l-art. 155(1) Proċ. Ċiv., invokat mill-eċċipjenti, irċieva fil-ġurisprudenza tagħna nterpretazzjoni *larga, fis-sens li ma ġiex* adottat ir-rigur li donnhom iridu jfissru l-kliem tal-imsemmija dispożizzjoni; u ġie ritenut illi l-liġi ma tirrikjedix kliem partikulari għal kif għandha tġi formulata ċ-ċitazzjoni; biżżejjed jiftiehem x'ikun qed jitlob l-attur; b'mod illi l-kawżali tista' tkun espressa anki lakonikament, tista' tkun indotta mid-domanda, u saħansitra, jekk ma tkunx ċara biżżejjed fiċ-ċitazzjoni, biżżejjed tkun spjegata fid-dikjarazzjoni relattiva (Kollez. XXIX-I-431; XXXII-I-228; XXXIV-II-502). Issa, fiċ-ċitazzjoni l-attur espona illi l-konvenut, per mezz tal-kuntratt "de quo", kien *ikkostitwixxa ruħu debitur lejn* uliedu mill-ewwel żwieġ ad insaputa ta' martu (jiġifieri Rosaria), u fid-dikjarazzjoni annessa maċ-ċitazzjoni huwa spjega illi, "wara li mietetilhom it-tifla, Rosaria u Carmelo Micallef ma baqgħux jaqblu flimkien, għaliex ħsiebu kien illi jiffavorixxi lill-uliedu tal-ewwel żwieġ, u kien b'dan il-ħsieb li huwa għamel il-kostituzzjoni tad-debitu a favur ta' dawn uliedu ....... ad insaputa ta' martu";

Illi minn dan jidher li l-kawżali tal-inattendibbilità tal-kuntratt jekk ma *kienetx biżżejjed ċara fiċ-ċitazzjoni* ġiet spjegata suffiċjentement fid-dikjarazzjoni; u ma jidherx li ġiet b'xi mod fra-intiża, għaliex il-konvenut oppona l-preskrizzjoni ta' sentejn, u l-imsejħin fil-kawża, fil-waqt li nvokaw favur tagħhom il-preskrizzjoni, insistew, fid-dikjarazzjoni a fol. 139, illi "il-kreditu tagħhom huwa validu ..... u għalhekk kien sar il-kuntratt, għaliex kieku ma sarx hekk, il-kjamati in kawża kienu jagħmlu kawża lill-missierhom"; u b'hekk jidher illi l-eċċipjenti kienu fehmu x'kienu qegħdin jitolbu l-atturi, u

kwindi ma setgħux, iżjed tard, jipprevalixxu ruħhom minn nuqqas ta' kjarezza fil-kawżali minnhom pretiż;

Illi għaldaqstant l-eċċepita nullità tad-dikjarazzjoni talinattendibbilità tal-kuntratt mhix sostenibbli; u qegħdha tiġi respinta, bl-ispejjeż kontra l-konvenut u l-imsejħin filkawża;

Ikkunsidrat, dwar l-eċċepita preskrizzjoni;

Illi l-konvenut oppona li l-kuntratt "de quo" ma jistax jiġi mpunjat minħabba li kienu għaddew aktar minn sentejn mill-ġurnata li sar, skond l-art. 1266 tal-Kodiċi Ċivili, u l-imsejħin fil-kawża, fil-waqt li rripetew din l-eċċezzjoni, ġiebu l-quddiem ukoll il-preskrizzjoni ta' ħames snin kontemplata fl-art. 1268 Kod. ċit.;

Illi, kif issottometta d-difensur tal-atturi fit-trattazzjoni orali, l-azzjoni hija bażata fuq ir-rapporti bejn il-miżżewġin fil-komunjoni tal-akkwisti, fis-sens li, mentri r-raġel huwa l-kap ta' dik il-komunjoni, hu xejn ma jista' jagħmel biex jippreġudika l-interessi tal-mara fl-istess komunjoni. Minn dan jidher illi l-azzjoni esperita mill-atturi, bħala eredi ta' Rosaria Micallef, it-tieni mara tal-konvenut, tinsab bażata fuq l-art. 1369 u 1370 tal-Kodiċi Ċivili. Troplong, filkomment tal-art. 1421 tal-Kodiċi Franċiż (analogu għallart. 1326 tal-Kodiċi Malti), josserva illi "la potestà del marito sui beni ha luogo quando egli è in perfetta sanità, e non quando i contratti sono fatti in frode e pregiudizio della moglie". U dan għaliex, kif jinnota l-istess awtur, "abbenchè sia il marito signore e padrone della comunione, è di principio o tuttavolta che si deve reggerla senza frode. La signoria gli è attribwita, dice Coquille, 'quatenus bona fides patitur, non etiam ut fraudibus via aperiatur'. Ogni atto da lui emanato, che tendesse a procacciargli un vantaggio indiretto, darebbe luogo a ricompensa a favore della comunione. Imperrocchè in questa materia deve regnare, la più precisa uguaglianza". Konsegwentement, fil-każ li għal dak l-att jikkonkorru terzi persuni, "se ne sono stati complici, la donna potrà domandare ragione contro di loro. Di fermo si applicano qui senza difficoltà le regole dell'azione

pauliana" (Contratto di Matrimonio, Vol. II, parte I, §§872, 873 u 874). F'dan is-sens huwa l-insenjament ta' Laurent, (Diritto Civile, Vol. XXII, §§40 u 41), u tal-ġurisprudenza tagħna (Kollez. IX, 727, fejn hemm ċitat l-imsemmi Troplong, u Kollez. XXXIV-III-851, fejn jingħad "expressis verbis" illi l-azzjoni hija l-"actio pauliana", fondata fuq l-art. 1187 tal-Kodiċi Ċivili);

Illi huwa paċifiku li l-preskrizzjoni relattiva għall-azzjoni pawljana hija dik ta' tletin sena kontemplata fl-art. 2248 Kod. Ċiv., peress li jonqsu għaliha r-rekwiżiti tal-preskrizzjoni f'materja rexissorja (Kollez. XXVI-I-120; III-733);

Illi l-perit legali, fl-imsemmija relazzjoni tiegħu (fol. 120), issottometta illi "id-dikjarazzjoni ta' inattendibbilità tal-kuntratt in atti Said tad-29 ta' Jannar 1941, mitluba mill-atturi fl-att taċ-ċitazzjoni, tekwivali għall-azzjoni ta' simulazzjoni, in kwantu huma qegħdin jippretendu li l-konvenut Carmelo Micallef fuq dak l-att issimula li huwa debitur lejn uliedu mill-ewwel żwieġ"; u qal, fuq l-awtorità tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu 1936, in re "Seychell vs. Seychell", li l-azzjoni mhix kolpita mill-preskrizzjoni speċjali tal-art. 930. tal-Ord. VII tal-1868. iżda taqa' taħt il-preskrizzjoni ta' tletin sena;

Illi, jekk anki fil-każ tirrikorri simulazzjoni (ħaġa li tifforma oġġett tal-meritu tal-kawża), huwa magħruf illi s-simulazzjoni hija forma ta' frodi, u bħala tali taqa' taħt is-sanzjoni tal-"actio pauliana" (Kollez. XXX-III-452; XXXII-II-392); u kwindi l-preskrizzjoni tibqa' dejjem dik ta' tletin sena (Kollez. XXXVI-II-550);

Għal dawn il-motivi;

Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-preskrizzjoni ta' għaxar snin li ġiet rinunzjata;

Tirrespinġi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' sentejn, bl-ispejjeż kontra l-konvenut u l-imsejħin fil-kawża;

Tirrespinġi eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' ħames snin, bl-ispejjeż kontra l-imsejħin fil-kawża;

U tiddifferixxi l-kawża għall-udjenza tas-26 ta' Ġunju 1959, biex titkompla skond il-liġi.